KUNSILL STUDENTI
JUNIOR COLLEGE

# KONNA HEMM
# GĦALIKOM

LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI 2020

## Il-Viżjoni Tagħna

Propju fit-22 ta' Novembru 2019, l-istudenti tal-Junior College urew il-fiduċja u eleġġew tmien kandidati mill-għaqda Pulse bil-messaġġ ta 'Stronger Together'. Din kienet għajta biex nippromovu l-għaqda bejn kull student li jattendi l-Junior College.

Dan il-kunsill, irrappreżentat minn Kleaven Pisani, Sara Said, Jodie Xuereb, Mikela Cassar, Colette Abdilla, Anton Camilleri, Andre Camilleri u Erika Mallia wassal manifest pjuttost ambizzjuz, pero wieħed li rnexxilu jolqot u jħalli mpatt fuq kull student.

Nixtiequ nistqarru magħkom illi din ma kinitx sena faċli. It-triq tagħna biex illum qegħdin hawn quddiemkom kienet waħda mimlija ostakli. Il-pandemija tal-Covid-19 kellha impatt ikraħ fuq ix-xogħol li seta jsir minn naħa tal-KSJC din is-sena. Pero, ma konniex lesti illi nużaw din il-pandemija bħala forma ta' skuża biex niffrankaw ix-xogħol, anzi pjuttost bil-kontra.

Dan il-kunsill kien wiehed li aċċerta li l-impatt li jħalli ma jkunx wieħed tanġibli biss f'rigward ta' infra-strutura, iżda li jħalli marka fl-esperjenza ħolistika tal-istudenti tal-Junior College. Inħossu li bir-riżorsi kollha tagħna konna kapaċi nġibu l-bidla f'ħajjet l-isutdent.

Kien kunsill li kellu kuntatt dirett mal-istudenti tul is-sena kollha. Kien kunsill li fehem u adatta l-pjan ta' ħidma tiegħu għal dak li xtaq l-istudent. Kien kunsill umli li ma ddejjaq qatt jammetti li żbalja u fejn seta' wettaq aħjar. Kien kunsill li qatt ma ħaseb biex jaqta' qalbu u jitlaq kollox mar-riħ. Kien kunsill li investa qalbu u l-enerġija kollha tiegħu fil-Junior College u dawk kollha li jagħmlu parti minnha.

B'umilta', Konna Hemm Għalikom.

**L-Eżekuttiv**

President: Kleaven Pisani

Vici President : Sara Said

Kummissarju Politika Soċjali: Mikela Cassar

Segretarju Ġenerali: Jodie Xuereb

Kaxxiera: Colette Abdilla

PRO: Andre Camilleri

Kummissarju Edukazzjoni: Erika Mallia

Kummissarju Kultura u Divertiment: Anton Camilleri

## **Amministrazzjoni u laqgħat uffiċjali**

*Laqgħat tal-Eżekuttiv*

Il-kunsill tul din is-sena aċċerta li jibqa f'kuntatt kontinwu u b'hekk kien jiltaqa' minn tal-inqas darba f'ġimgħa sabiex iżomm mal-pjan ta' ħidma tiegħu fir-rigward ta' inizjattivi, proġetti, avvenimenti, servizzi kif ukoll finanzjarji. Dan l-istess appuntament ta' darba f'ġimgħa inżamm ukoll tul il-pandemija online.

*Amministrazzjoni tal-Kulleġġ*

Hekk kif gie elett, il-kunsill issejħet laqgħa mal-amministrazzjoni tal-kulleġġ sabiex jibda proċess ta' relazzjoni b'saħħitha li fl-aħħar mill-aħħar wasslet għal koperazzjoni assoluta fuq il-proġetti u inizjattivi kollha mtella' mill-kunsill tul is-sena kollha. Minn hawn, nixtiequ nirringrazzjawhom tal-għajnuna tagħhom.

*Kollaborazzjonijiet u laqgħat tul is-sena*

Il-kunsill investa ukoll l-enerġija tiegħu sabiex itejjeb ir-relazzjoni tiegħu mal-għaqdiet tal-Junior College kif ukoll ma diversi entitajiet uffiċjali. B'hekk matul is-sena kollha, il-KSJC tkellem ma' għaqdiet bħal Chrisco, JC Orchestra, Teatru Kulleġġ, Manga Club, mal-Kunsill Studenti Universitarji kif ukoll mal-Kunsill Studenti MCAST.

Kellna ukoll diversi laqgħat mal-corporate sponsors tal-kunsill sabiex jiġu diskussi l-kuntratti rispettivi tagħhom.

Iltaqjna ukoll b'mod uffiċjali ma' entitajiet oħrajn fosthom l-amministrazzjoni tal-kulleġġ, l-operatur tal-canteen tal-kulleġġ, Dipartimenti tal-IT Services u tal-isport, ma' diversi Segretarji Parlamentari u Ministri fosthom Hon. Clifton Grima, Hon. Aaron Farrugia, Hon. Silvio Schembri u Hon. Owen Bonnici.

## Rappreżentanza u Kuntatt

_Midja Soċjali_

Mill-bidu tat-terminu tiegħu il-kunsill kien lest biex jagħti importanza kbira bil-mod ta' kif jipproġetta ruħu fuq il-mezzi soċjali ewlenin fosthom Facebook u Instagram.

L-istudenti setgħu jiġu aġġornati bix-xogħol kollu tal-kunsill permezz ta' dawn il-mezzi soċjali kemm f'forma ta' ritratti, posters u kitba kif ukoll kif rajna tul is-sena f'ammont ta' grafika u videos professjonali.

_Pubblikazzjonijiet_

Lil hinn mill-midja soċjali, il-kunsill investa ukoll f'ammont ta' pubblikazzjonijiet li setgħu jikkumplimentaw kuntatt dirett mal-istudent. Ftit jiem wara Freshers Week, ġie ppublikat rapport mingħand l-ufficju tal-Edukazzjoni mmexxi minn Erika Mallia, fejn mexxejna diversi proposti ta kif nistgħu negħlbu l-isfidi tal-pandemija flimkien. Propju din il-ġimgħa il-kunsill ukoll ippubblika ktejjeb bit-titlu 'Konna Hemm Għalikoml' sabiex juri x-xogħol kollhu ġdid li sar biss f'sena waħda.

_Stqarrijiet tal-istampa_

Rajna ukoll li ser nipproġettaw ix-xogħol tal-kunsill mhux biss lill-istudenti tal-Junior College, iżda anki fuq livell nazzjonali. Konna mistednin fuq diversi programmi ta' televiżjoni u radju tul is-sena biex inressqu 'l quddiem il-ħsibijiet tagħna fuq diversi affarijiet.

Matul is-sena, żammejna il-kuntatt mal-istudent b'diversi modi permezz ta' laqgħat tal-KE u tal-KPS kif ukoll sotto-kumitati fi ħdan il-KSJC.

## Proposti favur l-Ambjent

*Żieda fl-ikel Vegan ġewwa l-Canteen*

Wara diversi diskusjonijiet mal-operatur tal-Canteen ġewwa l-Junior College, il-kunsill irnexxilu jilhaq ftehmin biex tikber ix-xelta ta' ikel Vegan mil-Canteen. Hekk, kull min hu Vegan jista jaċċerta ruħu li ser jsib l-ikel ideali għad-dieta tiegħu.

*Inċentiva monetarja fuq roti*

Bhala attentat biex nippromovu l-użu tar-roti fil-ħajja ta' kuljum, il-kunsill tkellem ma wieħed mill-isponsors ewlieni tiegħu sabiex jaccerta raħs raġunevoli fil-prezzijiet tar-roti. Kull student tal-Junior College jista jibbenefika minn din l-offerta.

*Beverage Container Recycling Scheme*

Din l-iskema hija wahda relattivament moderna fil-qasam ambjentali. Bhala kunsill, aċċertajna li nkunu fuq ta' quddiem biex nmexxu skema bħal din. Wara laqgħa mal-Hon. Aaron Farrugia, ninstabu f'possizjoni li ngħidu li fi żmien li gej din l-iskema ser tkun qed isseħ madwar Malta u Għawdex.

*Discount fuq użu ta Travel Mugs*

Bħala kunsill ħassejna li hu d-dmir tagħna li kemm jistajkun neliminaw l-iskart madwar il-Kulleġġ. Waħda mil-ewwel proposti li wettaq dan il-kunsill kien li joffri roħs fil-prezz tal-kafe'/te lil dawk l-istudenti li jużaw Travel Mugs. Wieħed jista jibbenefika minn din l-offerta sal-ġurnata tal-lum.

*Live Green*

L-għajta kontra l-iskart hija waħda madwar Malta kollha, u mhux biss fil-Kulleġġ. Dan il-kunsill, b'suċċess kbir, irnexxilu jorganniza tlett clean-ups nazzjonali b'attentat li jkabbar il-kuxjenza fir-rigward tal-bżonn kolletiv li nnaqsu l-iskart madwarna. Din is-sena kellna wkoll l-ewwel 'Underwater Clean Up', fejn diversi studenti akkumpanjaw lill-kunsill taħt il-baħar fejn inġabar ammont kbir ta' skart!

*Plant a Tree*

Waħda mil-inizjativi ġodda ta din is-sena kienet propju din il-proposta. Il-kunsill wiegħed li ser jkun qiegħed jħawwel siġra għal kull 40 ruħ li jabbona mal-kunsill matul Freshers' Week. Dawn is-siġar ġew imħawwla fl-'area' ta' barra l-Kulleġġ.

*Żieda ta' roti*

Wara ftehmin li ntlaħaq ma 'The Cyclist', il-kunsill irnexxilu jakkwista ammont ta' roti ġodda li jistgħu jiġu mikrija mil-istudenti ġewwa l-Kulleġġ. Wieħed jista jibbenefika minn din l-offerta sal-llum 'l-gurnata.

*Importanza fis-sotto kumitati*

Infetaħ għal darboħra sotto-kumitat sabiex ikun jista' jservi ta' għajnuna fl-attivitajiet u fl-ideat kollha li jsiru mill-KSJC relatati mal-ambjent. Dan kien wieħed ta; suċċess u minn hawn nixtieq nirringrazzja lil kull min kien parti minnu.

**Proposti viċin l-istudent**

*Riġenerazzjonijiet madwar il-Kulleġġ*

Din is-sena, il-Kunsill ħadem id f'id mal-Amministrazzjoni tal-Kulleġġ sabiex jaċċerta li jibdew diversi xogħolijiet ta' riġenerazzjoni f'dawn il-postijiet: Outside Basketball Court, Study Area u l-Outside Tennis Court. Il-Kunsill ser jkompli jimbutta sabiex ix-xoghol jitkompla u jitlesta fl-anqas żmien possibli.

*Donazzjoni għall-ħruġ tal-Kulleġġ*

Diversi dipartimenti ġewwa l-Kulleġġ jorgannizaw ħruġ barra l-klassi bħala forma ta 'fieldwork'. Il-kunsill ħass li jista jneħħi l-ispiza minn fuq l-istudent u qiegħed iħallas l-ispejjeż kollha tat-trasport f'dawn il-ħruġ.

*Bicycle Puncture Kits*

Biex nikkumplementaw iż-żieda ta' roti, il-kunsill investa fil-makkinarju neċċeseraju biex f'każ ta' emerġenza wieħed ikun jista jsewwi puncture.

*Corporate Sponsors*

B'unur kbir, il-kunsill ta din is-sena kompla jibni fuq is-suċċessi ta qablu u rnexxilu jżid Corporate Sponsor ieħor ma' li kien hemm.

*AED Courses*

Il-bżonn li wieħed ikun imħarreġ biex jipprovdi l-ewwel għajnuna huwa wieħed kbir. B'hekk, il-kunsill ħa ħsieb li joffri AED Course bla ebda ħlas.

*First Aid Courses*

Biex nkomplu mal-punt li għadni kemm semmejt, il-kunsill organizza ukoll First Aid Courses fejn kull min ħa sehem ingħata ċertifikat li juri li kellu sehem f'dan il-kors.

*Sign Language Courses*

Dan il-kunsill minn dejjem kellu stinka biex jippromovi l-inklussivita soċjali fil-ħidma tiegħu. B'hekk, għall-ewwel darba, il-kunsill organizza Sign Language Course u provda l-istudenti l-opportunita' li jitgħallmu il-lingwa tas-sinjali bla ebda ħlas.

*Leġiżlazzjoni tal-Marijuana*

Bħala wieħed mill-iktar suġġett diskussi ġewwa Malta bħalissa, il-kunsill ħass il-bżonn li jiddiskuti dan mal-istudenti tal-Kulleġġ. Nittamaw li dawn id-diskussjonijiet jitkomplew fiż-żmien li ġej.

*Mental Health*

Fost diversi konsegwenzi tal-pandemija, wieħed mill-agħar kien dak tas-saħħa mentali. Il-problemi relatati mas-saħħa mentali tal-individwi kibru b'numri koroh f'dawn l-aħħar ftit xhur. Il-kunsill ħass id-dmir li jipprova jikkumbatti dawn l-isfidi b'permezz ta' kampanja onlajn.

*Animal Awareness Campaign*

L-annimal minn dejjem kien l-ikbar ħabib tal-bniedem. B'permezz tal-mezzi soċjali tal-kunsill, irnexxilna nqajjmu kuxjenza dwar l-importanza tal-annimali u kontra kwalunkwe forma ta' vjolenza fuq l-annimali.

*Health Week*

Dan il-kunsill ħass il-bżonn li jippromovi iktar l-importanza li wieħed jgħix stil ta' ħajja 'healthy'. B'hekk, saret kampanja b'permezz is-social media tal-kunsill fejn ġew imtella diversi videos u grafika ta' informazzjoni utli.

*Short Film Competition*

Minn dejjem emmina fid-diversi talenti li hawn fostna l-istudenti, b'hekk din is-sena introduċejna din il-kompetizzjoni sabiex l-istudenti jtellgħu diversi filmati qosra.

*MEPs Internship*

L-interess fil-politika hija waħda komuni fost l-istudenti tal-Kulleġġ, b'hekk grazzi għal kollaborazzjoni mal-MEP Dr.Alex Agius Saliba dan il-kunsill irnexxilu joffri l-opportunita' unika li wieħed jsegwi mill-vicin xi jsir ġewwa l-Parlament Ewropew.

*UM Organisations*

Wara diversi laqgħat, il-kunsill irnexxilu jintrodducji u jlaqqa l-istundeti prominenti għal Universita' ta' Malta ma diversi għaqdiet studenteski rrappreżentati hemm.

*Job Shadowing*

Dan il-kunsill irnexxilu jipprovdi l-opportunita' unika lil ħafna studenti sabiex jesperjenza ġranet tipici fl-industrija tax-xogħol.

*Diversi Workshops matul is-sena*

Qbil ieħor li rnexxielu jilħaq il-KSJC huwa dak ma' diverisi individwi speċċjalizati , fejn permezz ta' dan il-qbil ġew offruti numru ta' Workshops u Courses diversi b'xejn għal kull min xtaq jipparteċipa fihom.

*E-Sports Team*

Hekk kif is-settur diġitali dejjem jikber speċjalment fil-qasam tal-logħob, dan il-kunsill irnexxilu jngħedi l-ewwel E-Sports Team li ser jkun qiegħed jikkompeti fl-ogħla kampjonati fiz-żmien li ġej!

*Study Rooms*

Din il-proposta, li nħadmet flimkien mal-Amministrazzjoni tal-Kulleġġ, kienet wahda fejn permezz tagħha l-istudenti għandhom kmamar allokati speċifikament għall-istudju.

*Study Groups*

Bħala mezz ta' għajnuna għall-eżamijiet, dan il-kunsill ogranizza Study Groups Onlajn ħalli permezz tagħhhom l-istudenti jkunu jistgħu jgħinu lil xulxin.

*Equality and LGBTIQ*

Dan il-kunsill minn dejjem enfasizza l-ugwaljanza fost l-istudenti kollha bħala waħda mill-ewwel prioritajiet tiegħu. B'hekk, b'permezz tal-workshop 'Colours' u inizjattivi oħrajn kompla jisħaq dan il-messaġġ.

*Sotto-kumitati tal-Edukazzjoni*

Għal sena oħra l-KSJC għaqqad kumitat tal-edukazzjoni mmexxi mill-uffiċju tal-kummissarju tal-Edukazzjoni tal-istess kunsill sabiex ikompli ma' dak li għamlu kunsilli passati u jkun ta' widna għall-istudenti għall-problemi li jaffaċjaw matul is-sena u b'mod speċjali waqt l-eżamijiet.

*Donazzjonijiet lill-organizzazzjonjijiet*

Matul l-aħħar ħames xhur u nofs, il-kunsill ra li joffri l-assisstenza finanzjarja tiegħu lill-organizzazzjonijiet ġewwa l-Junior College. Xi ħaga li għad ser naraw il-frott tagħha tul il-kumplament tat-terminu tal-KSJC.

*Wi-Fi*

Peressli s-suġġett tal-Wi-Fi huwa wieħed li jqanqal ħafna rispons, il-kunsill ra li jżomm u jitratta dan is-suġġett bl-aktar mod responsabbli possibli. Għalhekk dis-sena saru diversi laqgħat mal-amministrazzjoni u mad-dipartiment tas-servizzi tal-IT f'dan ir-rigward.

*Online Newsletters*

Inizjattiva ġdida għal din is-sena hija dik tal-Online Newsletters. Permezz ta' dawn il-gazzetti, il-kunsill qiegħed jagħti rendinkont ta' xogħlu kull term skolastiku u anke jipprovdi l-ispazju neċesseraju sabiex jiktbu diversi artikli.

*Rent a Calculator u Rent a Pendrive*

Tnejn mis-servizzi ġodda li ġew introdotti din is-sena huma propju dawn. B'hekk, student illum il-ġurnata jista jissellef Calculator jew Pendrive mingħand il-kunsill.

*Suġġetti ta' Legal Studies u European Studies jiġu introdotti fil-Junior College*

Il-ħajja akkademika tal-istudent kienet ukoll poġġuta fil-ċentru tal-ħidma ta' dan il-Kunsill. Poġġejna għal diversi laqgħat matul is-sajf mal-Hon. Ministru tal-Edukazzjoni Owen Bonnici kif ukoll ma' rappreżentanti tal-istess Ministeru fejn bdew diskussjonijiet fuq kif setgħet titwettaq din il-proposta.

*Aġġornamenti tal-Website*

Id-dehra tal-Kunsill Onlajn kienet dejjem importanti għal dan il-Kunsill. Għalhekk investejna il-ħin tagħna wkoll sabiex noħorgu prodott tajjeb f'termini ta' Website. F'din il-Website, apparti dehra ġdida, żidna diversi affarjiet sabiex nagħmlu ħajjet l-istudent aktar faċli.

## Avvenimenti

*Christmas Village*

Dan l-avveniment kien l-ewwel wieħed li sar minn naħa tal-kunsill, u biex jiġi iċċelebrat żmien il-Milied sar f'forma ta' street festival barra l-Junior College matul il-ġurnata.

*Charity Football Match*

Dan l-avveniment sar għal darboħra fil-ground ta' Victor Tedesco ġewwa l-Ħamrun, fejn ra numru kbir ta' partitarji tal-Pulse u l-SDM u nġabar numru sabiħ ta' flus li ingħata donazzjoni lill-Istrina ftit taż-żmien wara. Il-Pulse rebħhet iż-żewħ logħbiet rispettivi.

*Christmas Ball*

Il-Christmas Ball kien l-ewwel avveniment tal-massa li organizzajna f'Diċembru tal-2019 li gawda minn attendenza ta' madwar 1000 student. Dan l-avveniment kien ikkumplimentat ukoll b'teaser ċkejken li nħareġ fuq is-social media tal-kunsill ftit jiem qabel d-data innifisha.

*Prom*

Din is-sena, l-kunsill ddeċieda ukoll li joħloq Prom b'tema differenti minn tas-soltu. B'hekk ħloqna avveniment bit-tema ta' Into the Past fejn ukoll rajna attendenza numeruża ġewwa Sant'Iermu.

*Bingo Night*

Fis-sajf, sar dan l-avveniment li ra diversri studenti tal-Kulleġġ jattendu permezz ta' Zoom Call. Kien avveniment oriġinali ħafna li ħalla entużjażmu u sens pożittiv fin-nies li attendew.

*Tour in the Sky*

Avveniment ieħor li sar għall-ewwel darba minn naħa tal-kunsill fejn tlett studenti kellhom l-opportunita' unika li jduru fuq il-Gzejjer Maltin b'permezz ta' ajruplan.

*The Junior College Webinar*

Għall-ewwel darba ukoll din is-sena, ġie mħejji dan l-avveniment fis-sajf indirizzat prinċiparjament għal studenti prospettivi tal-Junior College fejn rajna attendenza sabiħa ferm permezz ta' Zoom Call. Hawnhekk l-istudent ġie mogħti għajnuna mingħand il-kunsill fuq diversi suġġetti relatati mal-ħajja ġdida li kien ser jesperjenza appena tasal Freshers' Week.

*Sports Festival*

Fis-sajf, ġie mtella' Sports Festival fejn rajna għadd ta' parteċipanti jikkompetu f'tipi ta' sports differenti. Dawn l-avvenimenti saru f'Birżebbuġa bl-għan prinċipali tagħhom li jiġi ppromivit l-isport fost iż-żgħażagħ.

*Debate League*

Bħal snin passati, sar id-debate league permezz ta' Zoom Call fejn ġew diskussi temi riċenti u li jqanqlu diversi argumenti.

*Zipline u Abseiling*

Għat-tielet sena konsekuttiva, ġew organizzati dawn l-esperjenzi uniċi li dejjem jattendu għalih bi ħgarhom l-istudenti.

*Online Chess Tournament*

Dan il-kunsill organizza chess tournament onlajn li fih kellu kompetizzjoni tajba u ra numru sabiħ ta' parteċipanti.

*The KSJC Gaming Day*

B'kollaborazzjoni mal-Eden, sar event ieħor ta' suċċess fejn fih intlagħbu Fifa Tournament kif ukoll Fortnite Tournament u ntrebħu diversi premji għal min rebaħ.

**Kontinwazzjonijiet**

F'din is-sezzjoni ser jkun hawn mniżżla kwalunkwe proposta, proġett jew servizz li aħna bħala kunsill ħassejna l-ħtieġa li nżommuhom għaddejin.

- KSJC Mobile Application
- Clothes Rack
- Green Week
- Wireless Printer
- Wheelchair Basketball
- Think Green Conference
- Scuba Diving Sessions
- Safety Glasses
- Rent a Bike
- Rent a Book
- Rent a Laptop
- Rent a Locker
- Rent a Tablet
- Rent an Umbrella
- Rent a Board Game
- Rent a Portable Charger
- Rent a pair of Headphones
- Graphical Design board rental scheme
- Organisations Fund
- Online Notes
- KSJC Student Group
- Kitchenette appliances
- Job Centre
- Job Expe
- Intercultural Day
- Ikteb Novella
- Assisting Junior College organisations
- 360 Degrees Map
- KSJC Voucher Card

## Impenn Kontinwu lejn il-ħajja akkedemika tal-istudent

Bħal kull sena, għamilna l-isforzi tagħna sabiex inżommu l-kuntatt mall-istudenti fir-rigward tal-ħajja akkademika tal-istudent; waħda mill-prijoritajiet tagħna bħala kunsill.

Żammejna l-importanza tal-KE meetings, b'kuntatt kontinwu mall-istudent represantatives u l-KE's tal-organizazzjonijiet rispettivi u kif ukoll erġajna ftaħna l-opportunita' għal sotto kumitat tal-edukazzjoni biex iservi ta' għajnuna lill-kunsill fir-rigward ta' konsultazzjoni dwar leżamijiet tal-Junior College. Dan iservi biex il-kunsill ukoll iżomm kuntatt viċin mal-istudent u joffri assistenza fejn ikun hemm bzonn.

**Ringrazzjamenti**

Hekk kif niġi biex nikkonkludi dan ir-rapport, ma nistax ma nirringrazzjax lil dawk kollha li kienu parti minn dan il-kunsill li kien hemm għalikom. Nemmnu li rnexxielna nkunu kunsill li kien tassew viċin tal-istudent u rrapreżentajna lill-korp studentesk tal-Junior College b'mod xieraq.

Mingħajr il-konsultazzjoni u għajnuna kontinwa tal-amministrazzjoni tal-Kulleġġ, il-manifest tagħna żgur mhux forsi ma kienx ikun komplut u ta dan nixtieq nirringrazzja ukoll f'isem il-kunsill kollu lill-Prinċipal Mr Paul Xuereb u lill-Viċi Prinċipal Mr. Roderick Vassallo

Nagħti r-ringrazzjament tiegħi ukoll lill-Kunsill Studenti Universitarji tal-appoġġ tagħhom matul is-sena.

Nirringrazzja ukoll lil Alexander Sammut u lil Maverick Grech tal-għajnuna kollha li provdewlna din is-sena.

Ma nistgħax ma nagħtix ħajr lill-għaqdiet studenteski kollha tal-koperazzjoni u parteċipazzjoni tagħhom tul is-sena.

L-ikbar grazzi tmur għalikom l-istudenti tal-Junior College tal-opportunita li tajtuna biex inservukom tul din is-sena u hekk kif wasalt fl-aħħar ta' dan ir-rapport nixtieq f'isem il-kunsill kollhu ngħid li kont kburija immens li servejtkom.

**Grazzi mill-Qalb.**